Joseph Cauchi

vs

Jason Zammit

CCT G3/24/MS

14 ta' Gunju 2024

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fl-20 ta' Dicembru 2023 fejn talab lil dan it-Tribunal jikundanna lill-intimat ihallsu s-somma ta' mitt euro (€100.00), parti minn depozitu mhallas minnu ghal karozza li kien ser jixtri minghand l-intimat, liema bejgh qatt ma gie konkjuz u dan wara li l-intimat baqa' inadempjenti.

Ra li l-intimat, debitament notifikat bl-avviz tat-talba u tas-smigh m'ghamilx risposta u lanqas ma deher quddiem dan it-Tribunal meta hekk imsejjah.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi r-rikorrent ghamel kuntatt mal-intimat fuq Malta Park sabiex jixtri karrozza (Citroen C 2) *second hand* ghall-prezz ta' elf euro. L-intimat hallas depozitu ta' mitejn euro u l-partijiet ftehmu li l-intimat kien ser jsewwi l-AC, igib il-pjanci minghand Transport Malta u jaghmel xi affarijiet ohra. Min-naha tieghu, ir-rikorrent obbliga ruhu illi jaghmel polza ta' assikurazjoni sabiex l-intimat ikun f'posizzjoni li japplika biex jbiddel l-isem tas-sid. Ghaddiet xahar u l-intimat m'ghamel xejn u kull darba kien igiblu skuzi. Ir-rikorrent ghamel il-verifiki tieghu u sar jaf illi l-intimat qatt ma applika ghal pjanci. Meta r-rikorrent induna illi l-intimat ma kienx ser jaghtih il-karrozza, talbu d-depozitu lura flimkien ma' hamsin euro ohra biex ikopri l-kancellament tal-assikurazzjoni. Ghalkemm l-intimat accetta li jaghtih ir-rifuzjoni baqa' jittratjeni biex ihallsu, sakemm fl-ahhar tah mija u hamsin euro biss. Ghalhekk kien ghad fadal jaghtih is-somma ta' mitt euro. Ir-rikorrenti ilmenta wkoll mill-fatt illi apparti dawn il-flus, hu hela hafna hin u flus biex jitla Ghawdex, apparti l-fatt tal-inkonvenjent rizultat tal-fatt illi r-rikorrent baqa' minghajr karrozza.

Illi l-intimat, debitament notifikat m'ghamilx risposta u ma deherx biex jaghti x-xiehda tieghu quddiem dan it-Tribunal. It-Tribunal jiccensura l-attegjament tal-intimat li jkompli jssahhah il-konviznjoni tieghu illi r-rikorrent ghandu ragun fit-talba tieghu, li giet korroborata bid-dokumenti, u jqis illi r-rikorrent pprova l-istanza tieghu sal-grad rikjest mill-ligi u ghalhekk it-talba tieghu ghandha tigi milqugha fl-intier taghha.

Illi fic-cirkostanzi tal-kaz, u wara li l-Qorti ra l-artikolu 21(2) tal-Kap 378, jidhirlu illi flimkien mar-rifuzjoni tas-somma ta' mitt euro rapprezentanti parti tad-depozitu mhallas mir-rikorrent, hemm lok ghal kumpens ghal danni morali fl-ammont ta' mitt euro.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikundanna l-intimat ihallsu s-somma ta' mitejn euro (€200.00). Bl-ispejjes.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru